MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 111/2012/1

**Bernardette mart Vincent Gatt, Christine mart Albert Scerri u Martin Cassano ilkoll ahwa Cassano**

**v.**

**Alessandro sive Sandro Cassano**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li pprezentaw l-atturi fit-3 ta' Frar, 2012, u li jaqra hekk:

"1. Illi fil-31 ta' Awwissu 2009 mietet Maria Violetta sive Violet Cassano, omm il-partijiet (**Dok. A**).

"2. Illi meta l-esponenti ghamlu r-ricerki testamentarji taghha (**Dok. B u C**) instab li apparti l-ahhar testment taghha datat 2 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar Dr. Edward Flores (**Dok. D**) hija kienet ghamlet testment sigriet fl-14 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, liema testment gie depozitat fil-Qorti fis-16 ta' Mejju 2007 (**Dok. E**).

"3. Illi fl-imsemmi testment sigriet, it-testatrici Violet Cassano, wara li ddisponiet minn xi proprjeta' b'diversi prelegati u wara li nnominat lill-atturi u l-konvenut bhala eredi universali taghha fi kwoti ndaqs bejniethom, iddikjarat fl-ahhar tat-testment is-segwenti:

"*Fl-ahharnett, peress li jiena qieghda taht pressjoni kostanti u kontinwa kif ukoll rikatt emozzjonali minn ibni Sandro Cassano biex inhallilu sehmi mid-dar ta' residenza tieghi u infatti diga' hadni ghand Nutar biex inhallilu sehmi, allura ghal din ir-raguni jiena qieghda naghmel testment sigriet biex ma jindunax illi hassart l-ahhar testment fejn iffavorejtu u ghaldaqstant irrid u nordna illi f'kwalsiasi testment sussegwenti ghat-testment odjern, jekk jiena, fis-solita revoka ta' testment precedenti, ma nhassarx specifikament dan it-testment sigriet, allura ghandu jibqa' jghodd sakemm jigi mhassar specifikament; jien qed naghmel din biex jekk dan ibni ikaxkarni ghand xi Nutar habib tieghu, jiena almenu nkun hadt din il-prekawzjoni u ghalhekk il-pressjoni u r-rikatt emozjonali tieghu ma jkun serva ghal xejn.*"

“4. Illi effettivament, fl-uniku testment sussegwenti ghal dan it-testment sigriet, cioe’ dak tat-2 ta’ April 2008 precitat, l-istess Violet Cassano, fl-Ewwel Artikolu, annullat, irrevokat u hassret kull testment li qatt setghet ghamlet qabel **izda** ma hassritx specifikatament it-testment sigriet fuq indikat. Inoltre, f’dan l-ahhar testment pubbliku taghha, gara proprju dak li t-testatrici ppreveniet fit-testment sigriet li ser jigri, u cioe’ li giet mgeghla thallilu sehmha mid-dar ta’ residenza taghha 81/82, Triq San Giljan, Birkirkara, billi fir-Raba’ Artikolu nnominatu eredi universali taghha. F’dan il-kuntest, l-esponenti tispjega illi d-dar ta’ residenza tat-testatrici mhollija lill-konvenut wahdu b’dan it-testment tiswa bil-bosta hafna iktar mill-valur totali tal-prelegati mhollija lit-tliet atturi hutu mehuda flimkien.

“5. Illi inoltre jidher car li l-kunsens tat-testatrici fuq dan l-ahhar testment pubbliku kien vizzjat b’vjolenza morali u gie kaptat b’maniggi da parti tal-konvenut ghaliex it-testatrici, kif ippreveniet fit-testment sigriet, giet imkaxkra ghand Nutar habib tal-konvenut jew ghand Nutar inkarigati minn hbieb tal-konvenut u martu, liema Nutar u/jew hbieb ma kinux jafu bit-testment sigriet taghha u giet imgieghla tiddisponi bil-mod kif ried il-konvenut u mhux bil-mod kif riedet it-testatrici.

“6. Illi inoltre, bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, huwa l-imsemmi testament sigriet li verament jirrispekkja l-ahhar volonta’ ta’ ommhom.

Raguni tat-talba

“Peress illi fil-31 ta’ Awwissu 2009 mietet Maria Violetta sive Violet Cassano, omm il-partijiet (**Dok. A**).

“Peress illi skont ir-ricerki testamentarji taghha (**Dok. B u C**) irrizulta li apparti l-ahhar testment taghha datat 2 ta’ April 2008 fl-atti tan-Nutar Dr. Edward Flores (**Dok. D**) hija kienet ghamlet testment sigriet fl-14 ta’ Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, liema testment gie depozitat fil-Qorti fis-16 ta’ Mejju 2007 (**Dok. E**).

“Peress illi fl-imsemmi testment sigriet, it-testatrici Violet Cassano, wara li ddisponiet minn xi proprjeta’ b’diversi prelegati u wara li nnominat lill-atturi u l-

konvenut bhala eredi universali taghha fi kwoti ndaqs bejniethom, iddikjarat fl-ahhar tat-testment is-segwenti:

"*Fl-ahharnett, peress li jiena qieghda taht pressjoni kostanti u kontinwa kif ukoll rikatt emozzjonali minn ibni Sandro Cassano biex inhallilu sehmi mid-dar ta' residenza tieghi u infatti diga' hadni ghand Nutar biex inhallilu sehmi, allura ghal din ir-raguni jiena qieghda naghmel testment sigriet biex ma jindunax illi hassart l-ahhar testment fejn iffavorejtu u ghaldaqstant irrid u nordna illi f'kwalsiasi testment sussegwenti ghat-testment odjern, jekk jiena, fis-solita revoka ta' testment precedenti, ma nhassarx specifikament dan it-testment sigriet, allura ghandu jibqa' jghodd sakemm jigi mhassar specifikament; jien qed naghmel din biex jekk dan ibni ikaxkarni ghand xi Nutar habib tieghu, jiena almenu nkun hadt din il-prekawzjoni u ghalhekk il-pressjoni u ir-rikatt emozzjonali tieghu ma jkun serva ghalxejn.*"

"Peress illi fl-ahhar testment pubbliku tat-testatrici datat 2 ta' April 2008, li hu l-uniku testment li sar minnha wara t-testment sigriet, it-testment sigriet fuq indikat ma giex specifikatament revokat u mhassar.

"Peress illi inoltre, it-testment sigriet tal-14 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani huwa l-uniku testament li jirrispekkja l-ahhar volonta' tat-testatrici.

"Peress illi inoltre, sija mill-kontenut tal-imsemmi testment pubbliku u sija mic-cirkostanzi li ser jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-istess testment huwa null u bla effett minhabba vizzju tal-kunsens tat-testatrici ottenut b'kaptazzjoni tramite diversi maniggi tal-konvenut u peress illi wkoll it-testatrici giet mgeghla taghmel dak it-testment minhabba vjolenza morali ezercitata fuqha mill-istess konvenut.

"Peress illi inoltre, il-vjolenza morali ezercitata mill-konvenut fuq it-testatrici sabiex din taghmel testment tirrendih mhux denn li jiret lill-testatrici ai termini tal-artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili.

<u>TALBIET</u>

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara li t-testment pubbliku datat 2 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar Edward Flores maghmul minn Maria Violetta sive Violet Cassano ma rrevokax it-testment sigriet maghmul minnha fl-14 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani.

"2. Sussidjarjament u bla pregudizzju tiddikjara li fi kwalsiasi kaz it-testment sigriet maghmul mit-testatrici fl-14 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani huwa l-uniku testament li jirrispekkja l-ahhar volonta' tat-testatrici.

"3. Konsegwentement tiddikjara li l-wirt ta' Maria Violetta sive Violet Cassano ghandu jiddevolvi skont id-dispozizzjonijiet maghmula mit-testatrici fit-testment sigriet taghha datat 14 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Grech Trapani salv pero' ghad-decizjoni ta' din il-Qorti dwar il-hames talba.

"4. Fi kwalunkwe kaz tiddikjara li t-testment pubbliku ta' Maria Violetta sive Violet Cassano datat 2 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar Edward Flores huwa null u bla effett stante li l-kunsens tat-testatrici kien kaptat b'maniggi da parti tal-konvenut u/jew vizzjat minhabba vjolenza morali ezercitata mill-konvenut fuq it-testatrici.

"5. Tiddikjara li l-konvenut bhala mhux denn u kapaci li jiret b'xi mod lil Maria Violetta sive Violet Cassano ai termini tal-artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“Preliminarjament, in-nullita’ tal-azzjoni attrici kif impostata ma tistax, bir-rispett, l-azzjoni attrici l-ewwel tghid illi t-tieni testament huwa validu, izda illi kondizzjoni f’wiehed antecedenti tissopravivi anke r-revoka tieghu permezz tat-tieni testament, u fl-istess azzjoni tippostula n-nullita’ tat-tieni testment ghaliex kien vizzjat; iz-zewg premessi huma inkompatibbli fl-istess azzjoni. Hemm konsegwenzi u implikazzjonijiet fiz-zewg talbiet; jekk it-tieni testament huwa, ghall-grazzja biss tal-argument, null, allura hemm certi konsegwenzi: jekk huwa validu, hemm konsegwenzi u implikazzjonijiet mod iehor. Anke jekk jigi argumentat illi l-kondizzjoni/dikjarazzjoni tibqa’ valida indipendentement mill-validita’ tat-tieni testament, hemm implikazzjonijiet fuq id-difiza. Ghalhekk, it-talbiet u l-premessi ma jistghux joqoghdu fl-istess Rikors mahluf u talba: dan ghaliex kif impostat ir-Rikors, tincidi fondamentalment fuq id-difiza b’mod li tippregudika din id-difiza fis-sostanza;

“Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-effett tal-ahhar testament tal-mejta Maria Violetta sive Violet Cassano huwa illi jirrevoka t-testmenti kollha l-ohra u ghalhekk din ir-revoka tinkludi fl-intierita’ tieghu, it-testment sigriet li sar fl-14 ta’ Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani: b’mod illi testament sigriet tilef kull validita’ in vista tar-revoka sussegwenti u jorbot u jirregola l-eredita’ ta’ Violet Cassano biss l-ahhar wiehed dak ippubblikat min-Nutar Dottor Edward Flores tat-2 ta’ April 2008;

“Konsegwentement hija invalida u minghajr effett il-kondizzjoni fejn it-testatrici iddisponiet illi f’kaz ta’ revoka sussegwenti, it-testment sigriet jibqa’ validu sakemm jigi mhassar specifikament;

“Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jichad illi l-ahhar testament ta’ Violet Cassano kien vizzjat b’vjolenza morali u kien kaptat maniggi minnu: it-testatrici kif jirrizulta mic-certifikati medici annessi kienet perfettament *compos mentis* u kapaci tiddisponi. Ghalhekk it-testment li sar quddiem in-Nutar Dottor Edward Flores huwa perfettament validu u legali.

“Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, l-esponenti qed jirrizerva illi jagixxi biex jimpunja t-testment sigriet tal-14 ta’ Mejju 2007 skont il-Ligi, inkluz id-“dikjarazzjoni” tat-testatrici.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 2013, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ordnat li l-kawza titkompla; l-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti, kollha ahwa Cassano qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara illi l-ahhar testment ta' ommhom Maria Violetta Cassano ma hassarx testment sigriet precedenti. Qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-ahhar testment huwa null minhabba vizzju tal-kunsens. Finalment qeghdin jitolbu ukoll dikjarazzjoni li l-konvenut huhom mhuwiex denn li jiret a tenur tal-Art. 605(1)(c) tal-Kodici Civili.
>
> "Il-konvenut jeccepixxi n-nullita' tal-azzjoni ghaliex it-talbiet fiha ma jistghux jigu mressqa flimkien ghaliex jippregudikawh fid-difiza tieghu.
>
> "Ikkunsidrat illi l-Art. 789 tal-Kap. 12 jipprovdi illi eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tista' tinghata.
>
> "*1. a) Jekk in-nullita' hija ddikjarata mil-ligi espressament;*
>
> "*b) Jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;*

"*c) Jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita', kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita', pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

"*d) Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi;*

"*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita' kif mahsuba fil-paragrafi vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

"*2. L-eccezzjoni ta' nullita' ta' att, taht is-subartikolu 1(c), ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma tecepixxi dik in-nullita'.*"

"Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:

- "Il-kazijiet fejn tista' tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.

- "Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.

- "Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.

- "Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.

- "L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.

- "Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu ghan-nullita' tac-citazzjoni.

> "Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenzi "Fenech vs Grech" (Prim'Awla, deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fl-24 ta' Settembru 2001), "Licari vs Cassar" (deciza mill-Imhallef R. C. Pace fit-12 ta' Dicembru 2001) u "Aquilina vs Aquilina" (deciza fil-21 ta' Marzu 1988).

"Inoltre, kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Malta Development Corporations vs Licari Paul" (deciza fit-22 ta' April 2004).

> "*Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni tigi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet b'mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art. 156 imma huwa wkoll mehtieg ad substantia et validatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikata fil-ligi.*"

> "***Francis Xavier sive Mose' Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina (App. Civ. 21 ta' Marzu 1988)**, li minnha l-konvenut iqajjem il-punt li biex 'tigi dikjarata nulla l-azzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jenhtieg li jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut'.*"

"Min-naha l-ohra fil-kawza "Capua Palace Limited vs Arcidiacono Boris" (deciza fil-31 ta' Jannar 2003) gie ritenut illi:

> "*Fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;*
>
> *Hu necessarju illi jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut.*"

"Applikati dawn il-principji ghall-kawza odjerna, din il-Qorti ma ssibx dawk ir-ragunijiet gravi li jwassluha tiskarta l-kawza. L-intenzjoni tar-rikorrenti hija cara. Huma jsostnu li l-eredita' tad-defunta ommhom ghandha tigi regolata

> skont il-provvediment tat-testment sigriet minnha maghmul. It-talbiet tar-rikorrenti kollha jwasslu ghal dan l-ghan ahhari, u l-konvenut fehem tajjeb. Tenut kont tal-principju li r-ratio wara l-provvedimenti tal-ligi li jipprovdi ghan-nullita' ta' citazzjoni huwa l-pregudizzju li jista' jsofri konvenut fid-difiza tieghu, din il-Qorti ma ssib ebda kontradizzjoni fit-talbiet kif dedotti. Id-difiza tal-konvenut ghall-kawza hija l-validita' tal-ahhar testment ta' ommhom, u dan jirrizulta ampjament min-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. din il-Qorti tqis ezistenti dak ir-"rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli" bejn permessi u talba; m'hemm ebda kontradizzjoni ghall-ahhar.
>
> "Ghar-rigward tat-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni li l-konvenut mhux denn li jiret, din il-Qorti wkoll ma ssib ebda kontradizzjoni. Anzi, jekk kellhom jigu pruvati l-fatti allegati mir-rikorrenti u l-konsegwenzjali nullita' tat-tieni testment, din it-talba tista' tkun konsegwenzjali ta' dawk ic-cirkostanzi."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … … thassar tirrevoka u tannulla s-sentenza parzjali taghha tal-31 ta' Ottubru 2013 billi prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari, tichad konsegwentement it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, jissottomettu li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza, wara li mietet omm il-partijiet, instab li din halliet zewg testmenti, bl-ahhar wiehed, dak tat-2 ta' April, 2008, qed jigi allegat li hu null jew ma jhassarx dak precedenti, datat 14 ta' Mejju, 2007, u sigriet. Dan qed jigi allegat peress illi fit-testment sigriet, it-testatrici osservat illi jekk taghmel testment sussegwenti ghalih, dan ikun validu biss jekk ihassar "*specifikament*" it-testment sigriet, u fit-testment pubbliku li ghamlet sussegwentement hassret kull testment li setghet ghamlet qabel, izda ma hassritx specifikament it-testment sigriet li ghamlet qabel. Qed jigi allegat ukoll illi, f'kull kaz, l-ahhar testment pubbliku huwa null ghax il-kunsens tat-testattrici kien vizjat minhabba vjolenza morali da parti tal-konvenut, u li l-konvenut mhux dehen li jiret ai termini tal-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili.

Il-Konvenut prelimarjament qed jeccepixxi n-nullita` tar-rikors guramentat peress li mhux car, jikkontjeni disposizzjonijiet kontradittorji u jippregudika fis-sostanza d-difiza tieghu.

L-ewwel Qorti, bis-sentenza appellata, cahdet din l-eccezzjoni, u l-konvenut appella bl-aggravju marbut mas-sosteniment tal-eccezzjoni preliminari tieghu.

Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti u ma tirriskontra ebda nullita` bil-mod kif gie redatt ir-rikors guramentat. Biex att bhal rikors guramentat jghaddi mill-prova tal-validita`, huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna konvenuta tifhem l-intenzjoni ta' min iharrikha. F'kaz ta' diversi talbiet, l-istess att jitqies validu jekk dawn, ankorke jkunu fl-alternattiv, ma jkunux kontradittorji u jidderigu l-meritu lejn ghan wiehed.

F'dan il-kaz, hu car li l-hsieb tal-atturi hu li l-wirt ta' ommhom ghandu jkun regolat bit-testment sigriet taghha ta' Mejju 2007. Qed jigi allegat li t-testment pubbliku ta' April 2008, huwa null u/jew huwa inefikaci fil-konfront tat-testment sigriet, u hija l-prova relattiva li jridu jgibu l-atturi u li jrid jikkontesta l-konvenut, L-ewwel kwistjoni li trid tigi deciza hija wahda legali: id-dispozizzjoni li ghamlet it-testatrici fit-testment sigriet taghha hija valida? Jekk hija valida, tinfluwixxi fuq it-testment pubbliku li sar wara, u jekk iva, sa fejn? Jekk ir-risposta ghal dawn il-kweziti ma tkunx favur l-atturi, il-Qorti trid tidhol biex tezamina it-tieni kwistjoni, li hi aktar wahda ta' fatt, u cioe` jekk it-testment pubbliku huwiex karpit b'vizzju tal-kunsens tat-testatrici. Din it-tieni kwistjoni ma tikkontradixxix tal-ewwel, ghax l-ewwel kwistjoni, kif inghad, hija pjuttost legali u decizjoni fir-rigward tipprexxendi minn studju dettaljat tal-kunsens tat-testatrici. Mhux l-ewwel darba li kwistjoni tigi deciza b'mod li ma jkunx hemm ghalfejn li wiehed jidhol biex jezamina l-aggravji kollha li jkunu ressqu l-partijiet f'kawza, fis-sens,

per ezempju, li jekk kawza tintrebah fuq kawzali wahda ma jkunx hemm htiega ta' ezami ulterjuri tal-mertu a bazi tal-kawzali l-ohra.

Il-kawza giet formulata b'mod li l-Qorti jkollha iter xi issegwi, u dan jista' jinvolviha f'decizjoni fuq punt wiehed jew fuq aktar, skont il-kaz. Is-sitwazzjoni tal-kawza hi cara u l-konvenut, mghejjun b'avukat ta' fiducja, zgur li fehem fejn l-atturi jridu jaslu u t-toroq li ghazlu li jiehdu bi skop li jaslu ghall-ghan taghhom. Dawn it-toroq ma jidhlux wahda f'ohra, u wahda issegwi l-ohra skont sa fejn twassal triq partikolari. Fl-ahhar nett, l-atturi jallegaw illi, anke jekk kollox hu validu, il-konvenut innifsu mhux dehen li jiret peress li b'qerq gieghel lit-testatrici tbiddel it-testment, materja din li hi indipendenti mill-ohrajn u hi decizjoni li l-Qorti tista' ma jkollhiex ghalfejn li tiehu skont d-decizjonijiet marbuta mat-talbiet precedenti.

Din il-Qorti, kwindi, ma ssib xejn hazin fil-formular tar-rikors guramentat u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez sa issa taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenut appellant, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura

Civili, ihallas ukoll, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta’ hames mitt euro (€500) lir-Registratur tal-Qrati.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------